MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-3 ta' April, 2007

Citazzjoni Numru. 363/2007

**Edward BALDACCHINO**

**vs**

**Marixxall Joseph AZZOPARDI, u Wilfrid Karl Gollcher u b'degriet tat-2 ta' April, 2007, issejjaħ fil-kawża Mark Gollcher**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fid-29 ta' Marzu, 2007, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, r-rikorrent talab li din il-Qorti tiddikjara li n-notifika lilu bil-Mandat ta' Żgumbrament numru 314/07 ma tiswiex għaliex huwa ma kellux x'jaqsam mal-istess Mandat, u talab ukoll li l-Qorti żżomm lill-intimat marixxal Azzopardi "milli jinnotifika l-istess Mandat li mhux eżegwibbli kontra r-rikorrent". Dan għamlu b'riżerva ta' kull azzjoni għad-danni u bl-ispejjeż kontra l-intimati;

Rat it-Tweġiba mressqa fit-2 ta' April, 2007, mill-intimat Marixxall Azzopardi li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi qal li m'huwiex il-kontradittur leġittimu billi l-kawża messha nfetħet kontra d-Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali u mhux kontrih u dan kif trid il-liġi li tirregola t-tħaddim tal-Qrati[1]. Iżid jgħid li huwa wettaq l-ordnijiet mogħtijin lilu kif titlob il-liġi u għalhekk m'għamel xejn ħażin;

Rat it-Tweġiba mressqa fit-2 ta' April, 2007, mill-imsejjaħ fil-kawża Mark Gollcher li laqa' għall-azzjoni attriċi billi qal li r-rikorrent m'għandux interess li jressaq din l-azzjoni għaliex il-Mandat ma nħariġx kontrih iżda kontra l-*Club* u huwa eżegwibbli kontra l-istess *Club* li lilu saret in-notifika tal-Mandat. Iżid jgħid li l-azzjoni attriċi ma saritx sewwa għaliex huwa biss min jinħareġ Mandat kontrih li jista' jattakkah. Jgħid ukoll li l-ġudizzju m'huwiex sħiħ għaliex fil-kawża tħallew barra uħud minn dawk li ressqu l-Mandat u kif ukoll lill-*Club* li kontrih intalab il-ħruġ tal-Mandat. Jilqa' wkoll billi jgħid li l-azzjoni qegħda ssir bi ksur tal-artikolu 279 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-mertu, jeċċepixxi li t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt għaliex ir-rikorrent kien inħatar *manager* tan-negozju tal-bottegin tal-*Club* u bħala tali kien biss qiegħed fil-post fis-servizz tal-istess *Club*, li, min-naħa tiegħu, baqa' jżomm f'ismu l-liċenzi u l-permessi relattivi; u wkoll għaliex in-notifika tal-Mandat saret sewwa u kif trid il-liġi;

Rat il-verbal tas-smigħ tat-2 ta' April, 2007, minn fejn jirriżulta li l-intimat Wilfred Karl Gollcher ilu mejjet sa mill-1999, u kien għalhekk li ma setgħetx titressaq il-kawża kontra tiegħu u lanqas, b'effett ta' hekk, seta' jressaq Tweġiba maħlufa;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet, u qieset il-provi dokumentali;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-avukati tal-partijiet;

[1] A.L. 139/2004

Rat l-atti kollha tar-Rikors, tal-Mandat eżekuttiv li għalih jirreferi u tal-atti tal-kawża[2] li, bis-saħħa tas-sentenza tagħha, nħareġ il-Mandat eżekuttiv imsemmi;

Rat id-degriet tagħha tat-2 ta' April, 2007, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

Rat in-nota mressqa dalgħodu stess mir-rikorrent, b'dokument mehmuż magħha;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija kawża maħsuba biex twaqqa' s-siwi ta' notifika magħmula mill-intimat Marixxall Azzopardi taħt Mandat ta' Żgumbrament maħruġ fuq talba tal-intimat l-ieħor Gollcher (u rikorrenti oħrajn), u dan għaliex in-notifika saret lir-rikorrent li jgħid li ma kienx il-parti intimata fl-istess Mandat. L-azzjoni timmira wkoll li żżomm lill-intimat Marixxall Azzopardi milli jinnotifika bil-Mandat imsemmi lil min mhux l-intimat, u biex il-Qorti ssib li l-imsemmi Mandat ma jolqotx lir-rikorrent;

Illi l-intimat Marixxall Azzopardi laqa' għal din l-azzjoni billi qal li ma kienx il-persuna li messha tħarrket f'din il-kawża għaliex huwa kien biss qiegħed jobdi ordni tal-Qorti fit-twettiq ta' dmirijietu u wkoll minħabba li r-responsabbilta' tat-tmexxija tal-Qorti li ordnat il-ħruġ tal-Mandat taqa' f'idejn id-Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali;

Illi l-intimat Gollcher laqa' għal din l-azzjoni billi ressaq bosta eċċezzjonijiet ta' xejra preliminari u proċedurali, imma wkoll oħrajn fil-mertu li bihom fisser kif it-talba attriċi mhix mistħoqqa la fil-fatt u lanqas skond il-liġi;

Illi, minn dak li joħroġ mill-atti tal-kawża u l-atti l-oħrajn li għalihom jirreferu, jirriżultaw il-fatti ewlenin li ser jissemmew. Fl-1 ta' Diċembru, 2006, il-Qorti tal-Appell tat sentenza f'kawża mibdija mill-intimat Gollcher (u oħrajn) fid-9 ta' April, 1996, li bis-saħħa tagħha u għar-raġunijiet

[2] Ċitazz. Nru. 1117/96 fl-ismijiet "***Wilfred Karl Gollcher et vs Royal Overseas League St. George's Club***" maqtugħa b'sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-1 ta' Diċembru, 2006

hemm imsemmija, ikkonfermat sentenza mogħtija minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fit-30 ta' Mejju, 2003, li ordnat l-iżgumbrament tal-assoċjazzjoni Royal Overseas League St George's Club mill-post bin-numru mija u tmienja u tletin (138), Triq Santa Luċija, Valletta. Għall-finijiet taż-żmien għall-imsemmi żgumbrament, dik l-Onorabbli Qorti tat lill-assoċjazzjoni (*club*) appellanti msemmija żmien ta' tliet (3) xhur kalendarji li kellhom jibdew jgħaddu mill-1 ta' Diċembru, 2006;

Illi matul dan iż-żmien, l-assoċjazzjoni appellanti offriet iċ-ċwievet tal-post lill-atturi appellati, imma dawn ma ridux jaċċettawhom għaliex il-post ma ntraddx lilhom imbattal u lanqas ingħataw iċ-ċwievet kollha. Fit-28 ta' Frar, 2007, l-assoċjazzjoni appellanti poġġiet iċ-ċwievet taħt l-awtorita' tal-Qorti permezz ta' Ċedola ta' Depożitu. Fit-2 ta' Marzu, 2007, l-intimat Gollcher u l-atturi appellati l-oħrajn kollha, talbu l-ħruġ tal-Mandat ta' Żgumbrament mertu ta' din il-kawża. Fil-5 ta' Marzu, 2007, l-assoċjazzjoni intimata (eżekutata) talbet lill-Qorti biex tiċħad it-talba tar-rikorrenti eżekutanti għall-ħruġ tal-Mandat jew, f'każ li t-talba kienet laqgħetha diġa', li tħassar l-ordni *contrario imperio*. Fit-13 ta' Marzu, 2007, din il-Qorti (diversament presjeduta) laqgħet it-talba tar-rikorrenti eżekutanti u ordnat il-ħruġ tal-Mandat, bla ma jidher li nghata degriet speċifiku għar-rikors tal-assoċjazzjoni eżekutata. Fil-15 ta' Marzu, 2007, il-Marixxall Azzopardi mar fil-post in kwestjoni biex jinnotifika l-Mandat u sab lil waħda Myra Baldacchino fil-post. Din ma riditx tilqa' n-notifika billi mxiet fuq parir tal-avukat tagħha ladarba ma kinitx l-intimata eżekutata. F'dik l-okkażjoni, l-Marixxal Azzopardi għarrafha li kien qiegħed jagħtiha erbat ijiem tax-xogħol minn dak inhar biex tneħħi kollox mill-post u toħroġ minn ġo fih, jew kien sejjer jmur jeżegwixxi l-Mandat wara l jagħlaq dak iż-żmien. Dak inhar, aktar tard, Mra Baldacchino laqgħet għandha n-notifika tal-Mandat "taħt protesta";

Illi fis-16 ta' Marzu, 2007, Edward Baldacchino ressaq rikors li bih, u għar-raġunijiet hemm imsemmija, talab li l-Qorti "tagħraf l-irritwalita' u n-nullita' tan-notifika tal-Mandat u minnufih tieħu l-passi idoneji sabiex il-marixxal jiddeżisti mill-intent tiegħu li jipprova jesegwixxi l-mandat

ta’ żgumbrament kontra l-esponent u kull ma għandu ġewwa l-cafeteria imsemmija”. Fis-26 ta’ Marzu, 2007, l-eżekutanti Gollcher wieġbu għar-rikors ta’ Baldacchino. Fis-27 ta’ Marzu, 2007, din il-Qorti (diversament presjeduta) ċaħdet it-talba ta’ Baldacchino. L-għada, 28 ta’ Marzu, 2007, l-Marixxall Azzopardi reġa’ mar fil-post, sab lil Edward Baldacchino u wissih li l-post kellu jitbattal sa nhar it-3 ta’ April, 2007. Dak inhar, Baldacchino irrifjuta l-att tan-notifika, u l-Marixxal tah personalment kopja tal-verbal. Fid-29 ta’ Marzu, 2007, infetħet il-kawża;

Illi minn dak li ħareġ mill-atti u mis-smigħ tal-kawża, l-konsiderazzjonijiet ta’ natura legali marbuta mal-każ, il-Qorti jidhrilha xieraq li, qabel kull ħaġa oħra, għandha tirrileva li l-azzjoni attriċi la tikkontesta s-siwi tal-Mandat fih innifsu u lanqas it-titolu eżekuttiv li bis-saħħa tiegħu nħareġ dak il-Mandat. Għalhekk, l-azzjoni mressqa quddiem il-Qorti mir-rikorrent m’hijiex dik maħsuba taħt l-artikolu 283A tal-Kap 12, u kull sottomissjoni li setgħet saret mill-partijiet jew min minnhom dwar dik id-dispożizzjoni tal-liġi ma jidhirx li kienet f’postha. It-tieni konsiderazzjoni hija li din l-azzjoni ma titlobx stħarriġ tat-titolu li bih ir-rikorrent jippretendi li qiegħed iżomm biċċa mill-ambjenti tal-fond milqut bil-Mandat ta’ Żgumbament, u din il-Qorti m’hijiex ser tagħmel pronunzjamenti dwar in-natura ta’ dik iż-żamma. Huwa fatt, madankollu, li r-rikorrenti qiegħed iżomm u jħaddem il-bottegin fil-livell tat-triq u kċina fl-ewwel sular, li jagħmlu mill-fond milqut bil-Mandat;

Illi, fil-qofol, dak li r-rikorrent qiegħed isejjes l-azzjoni tiegħu fuqu huma żewġ konsiderazzjonijiet: l-ewwel waħda hi li ladarba huwa ma kienx parti fil-kawża li dwarha ngħatat is-sentenza tat-tneħħija tal-*Club* mill-fond imsemmi, allura dik is-sentenza ma tolqotx il-pożizzjoni tiegħu bl-ebda mod dwar iż-żamma li huwa jista’ jkollu ta’ xi parti mill-istess fond; it-tieni waħda hija li n-notifika tal-Mandat messha saret lill-intimat xieraq kif indikat fil-Mandat innifsu, u li huwa lanqas biss jissemma (u, skond ir-rikorrent, lanqas seta’ jissemma) bħala wieħed mill-intimati fl-istess Mandat;

Illi, min-naħa tiegħu, l-intimati Gollcher jisħaq li l-Mandat inħareġ kontra l-*Club*, ġie notifikat fil-post u lil rappreżentant magħruf tal-istess assoċjazzjoni, u li l-ordni magħmula fl-istess Mandat tolqot lil kull min ikun jinsab fil-post, u dan kif trid il-liġi[3];

Illi għar-rigward tal-ewwel konsiderazzjoni, il-Qorti ssib li wieħed għandu jżomm quddiem għajnejh li kull mandat eżekuttiv jinħareġ bis-saħħa ta' titolu eżekuttiv[4], li magħduda fosthom hemm is-sentenzi tal-Qrati tal-ġustizzja ta' Malta[5]. Fil-każ li għandna quddiemna, il-Mandat huwa wieħed ta' Żgumbrament, li x'aktarx huwa l-uniku wieħed fost il-mandati eżekuttivi li jinħareġ biss bis-saħħa ta' sentenza ta' Qorti. Fil-Mandat in kwestjoni, ir-rikorrenti eżekutanti jsemmu s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Diċembru, 2006, bħala l-"kawżali" li fuqha jitolbu l-ħruġ tal-Mandat. Kemm il-Mandat u kif ukoll l-imsemmija sentenza jirreferu għall-post 138, Triq Sana Luċija, Valletta, u mhux għal biċċa minnu jew għal ambjenti distinti tiegħu;

Illi l-liġi[6] trid ukoll li sentenza ma tista' qatt tkun ta' ħsara għal min, la huwa nnifsu u lanqas bil-meżż tal-awturi jew rappreżentant leġittimu tiegħu, ma jkun parti fil-kawża maqtugħa b'dik is-sentenza. Ir-rikorrent jgħid li, bis-saħħa ta' din id-dispożizzjoni tal-liġi, is-sentenza li bis-saħħa tagħha nħareġ il-Mandat mertu tal-każ ma tolqtu xejn għaliex huwa ma kienx parti fiha. L-intimati, min-naħa l-oħra, jisħqu li dan l-argument ma jgħoddx għaliex ir-rikorrent kien jaf sew bil-kawża u kif ukoll b'dak li kien qiegħed isir fiha. B'żieda ma' dan, l-intimat Gollcher jgħid ukoll li lanqas ma huwa minnu li r-rikorrent ma kienx parti fil-kawża ladarba huwa kien biss *manager* tal-bottegin li tiegħu baqa' titolari l-*Club* żgumbrat, u għalhekk l-eżistenza tiegħu u dik tal-assoċjazzjoni li kienet imħarrka fil-kawża deċiża huma ħaġa indistingwibbli;

[3] Art. 384 tal-Kap 12
[4] Art. 252 tal-Kap 12
[5] Art. 253(a) tal-Kap 12
[6] Art. 237 tal-Kap 12

Illi irriżulta li r-rikorrent kien daħal fi ftehim mal-assoċjazzjoni fl-1 ta' Settembru, 2000[7]. Dan ifisser li l-ftehim kien sar meta l-kawża li hija t-titolu eżekuttiv li bis-saħħa tiegħu nħareġ il-Mandat kienet għadha qegħda tinstema' quddiem il-Qorti tal-ewwel istanza. Fl-imsemmi ftehim jingħad ukoll li r-rikorrent kien jaf li hemm dik il-kawża u x'kienet in-natura tal-kawża. Ħareġ ukoll mix-xhieda mismugħa minn din il-Qorti[8] li, wara li ngħatat is-sentenza mill-Qorti tal-Appell, rappreżentant tal-*Club* kiteb lir-rikorrent biex jgħarrfu bis-sentenza. F'din l-ittra jirriżulta li rapreżentant tal-assoċjazzjoni bagħat jgħarraf lir-rikorrent bl-eżitu tas-sentenza mogħtija fl-1 ta' Diċembru, 2006, u li l-istess assoċjazzjoni kienet sejra twettaq dak ordnat b'dik is-sentenza, u li kienet qegħda tistenna li r-rikorrent joħroġ mill-post ukoll. Jirriżulta wkoll li r-rikorrent ma għamel l-ebda intervent formali fil-kawża, lanqas fl-istadju tal-appell. Jidher li l-atturi f'dik il-kawża kienu jafu wkoll bl-eżistenza tar-rikorrent u tal-ftehim li kellu ma l-*Club* imħarrek, imma qatt ma talbu s-sejħa fil-kawża tiegħu;

Illi l-kwestjoni li tqum għalhekk hija jekk is-sentenza li bis-saħħa tagħha nħareġ il-Mandat tistax tħalli effett, fis-sens li torbot ukoll lir-rikorrent. Ir-rikorrent jgħid li dan ma jistax ikun għaliex huwa jżomm parti mill-post milqut bil-Mandat bis-saħħa ta' u skond il-ftehim li huwa kien għamel mal-assoċjazzjoni li kienet iżżomm il-post u hu qatt ma kien membru tal-assoċjazzjoni jew tal-kumitat ta' amministrazzjoni tagħha. L-intimat Gollcher jindika li l-atturi (jiġifieri l-kredituri eżekutanti tal-Mandat) kienu jingħataw x'jifhmu li r-rikorrent kien membru tal-assoċjazzjoni mħarrka. Iżda dwar dan il-Qorti ssib li, meta fliet l-atti tal-kawża, isem ir-rikorrent ma jidher imkien u wisq anqas hemm indikazzjoni li l-istess rikorrent kien jidher għal jew jirrappreżenta lill-assoċjazzjoni;

Illi l-intimat Gollcher iqis li l-qagħda legali tar-rikorrent hija waħda magħġuna mal-eżistenza tal-assoċjazzjoni żgumbrata u għalhekk ix-xorti li laqtet lill-assoċjazzjoni bis-saħħa tas-sentenza – jiġifieri dik li toħroġ mill-post u

[7] Dok "EB1", f'paġġ. 19 sa 22 tal-proċess
[8] Xhieda tar-rikorrent 2.4.2007 fil-kontro-eżami

troddu lura battal u ħieles għall-użu tas-sidien – tolqot lir-rikorrent ukoll. Il-Qorti ssib li ma tistax tilqa' dan l-argument, u dan ukoll bla ma tidħol fil-mertu tal-kwestjoni dwar jekk ir-rikorrent għandux titolu tajjeb għaż-żamma tal-ambjenti tal-post li bħalissa jinsabu f'idejh. Dan jingħad għaliex, mill-ftehim innifsu li sar bejn ir-rikorrent u l-*Club*, jidher li l-kontraenti żammew distinti l-jeddijiet tal-wieħed u tal-ieħor. Fuq kollox, l-istat ta' dipendenza bejn il-partijiet ma jissarrafx f'identita' tal-personalita' tal-kontraenti;

Illi, kif ingħad, l-azzjoni preżenti hija waħda limitata għal deċiżjoni dwar is-siwi tan-notifika tal-Mandat u tal-effikaċja tiegħu fir-rigward ta' persuna li ma tissemmiex fih. Meta wieħed jeżamina kemm il-kawża u kif ukoll il-Mandat, wieħed isib li r-rikorrent ma jidher jew jissemma mkien. F'dan ir-rigward, il-Qorti taqbel mal-fehmiet mogħtijin mill-Qorti tal-Appell (Sede Kummerċjali) fis-sentenza msemmija mir-rikorrent[9] u żżid tgħid li l-imsemmija sentenza ma tistax tagħmel stat fil-konfront tiegħu. Iżżid ukoll il-fehma tagħha li lanqas il-Mandat, allura, ma jista' jkollu saħħa fir-rigward tal-istess rikorrent;

Illi, min-naħa l-oħra tqanqlet il-kwestjoni li l-Mandat ta' Żgumbrament jolqot lil kull detentur tal-post li għalih jirreferi l-mandat. Iżda l-Qorti hija tal-fehma li dan jgħodd safejn tali detentur ikun id-"debitur" aċċertat tal-istess Mandat, jiġifieri d-"debitur" ikun wieħed li fil-konfront tiegħu jkun jeżisti titolu eżekuttiv. L-intimat Gollcher jilminta – u mhux mingħajr raġuni – li dak li sar jagħti 'l wieħed x'jifhem li mandat ta' żgumbrament jista' ma jitwettaq qatt għaliex l-intimat jista' dejjem idaħħal lil xi terza persuna f'post bil-ħabi tal-eżekutant u b'hekk jiffrustra l-ksib tar-rimedju maħluq bis-saħħa ta' sentenza. Il-Qorti żammet quddiem għajnejha sewwa dan l-argument u ma teskludix li, matul l-għexur ta' snin li kienet għaddejja din il-kwestjoni, saru tentativi biex l-iżgumbrament mill-post ma jseħħx. Imma min-naħa l-oħra, ma tistax lanqas tonqos li tosserva li, fl-ewwel lok, l-eżekutanti kienu jafu bir-rikorrent u l-użu minnu tal-

---

[9] App. Kumm. **2.12.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Chatlani vs Grixti*** (Kollez. Vol: **LXXV.ii.605)**

ambjenti tal-post sa minn qabel ma ngħatat is-sentenza li llum hija t-titolu eżekuttiv tal-Mandat. Fit-tieni lok, l-istess eżektanti nfushom, matul iż-żmien li kienet qegħda tiġi trattata l-kawża, straħu fuq dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kummerċjali fis-sentenza li fuqha issa jistrieħ ir-rikorrent dwar l-effikaċja u l-effettivita' ta' Mandat eżekuttiv fil-konfront ta' min ma jkunx parti fil-kawża li bis-saħħa tagħha jinħareġ;

Illi minn dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li l-Mandat ta' Żgumbrament m'huwiex eżegwibbli kontra r-rikorrent;

Illi dwar it-tieni aspett tas-siwi tan-notifika, wieħed irid jagħraf bejn is-**siwi tal-att ġudizzjarju** li jkun u s-**siwi tan-notifika** tiegħu. Din il-Qorti terġa' ttenni, bħalma kellha okkażjoni tagħmel f'każijiet oħrajn, li n-nuqqas ta' siwi tan-notifika ma jġibx in-nuqqas ta' siwi tal-att ġudizzjarju li ma jkunx ġie sewwa notifikat;

Illi r-rikorrent jgħid li l-Mandat messu kien notifikat lill-intimat imsemmi fil-Mandat u mhux lilu. Fiżikament jirriżulta li l-ewwel eżekuzzjoni tal-Mandat tħalliet f'idejn mart ir-rikorrent fil-15 ta' Marzu. Minħabba li nqalgħu xi proċeduri minnufih wara dik ir-riferta, iż-żmien imsemmi fl-ewwel notifika laħaq għadda u reġgħet saret notifika oħra fit-28 ta' Marzu, 2007. Din tħalliet f'idejn ir-rikorrent;

Illi r-rikorrent jgħid li allura l-Mandat ma ġiex debitament notifikat;

Illi l-liġi tfisser kif u lil min għandha ssir in-notifika ta' atti ġudizzjarji lil persuna, u, b'mod partikolari – bħalma huwa l-każ tal-lum – fejn il-persuna ma tkunx waħda fiżika[10]. Il-liġi, f'dan il-każ, titkellem dwar żewġ possibiltajiet, li mqar tirriżulta waħda minnhom. In-notifika titqies li tkun saret sewwa jekk l-att ġudizzjarju titħalla kopja tiegħu fl-uffiċċju reġistrat, l-uffiċċju ewlieni, il-post tan-negozju jew l-indirizz postali ta' dik il-persuna ġuridika, f'idejn persuna li jkollha r-rappreżentanza ġuridika ta' dak il-korp, jew is-segretarju

[10] Art. 187(4) tal-Kap 12

tal-kumpannija jew kull persuna oħra awtorizzata bil-miktub biex tressaq atti ġudizzjarji f'isem dak il-korp. Titqies li tkun saret sewwa wkoll jekk il-kopja tal-att titħalla f'idejn persuna bħalma ssemmiet, fid-dar jew f'idejn persuna fis-servizz ta' persuna bħal dik jew f'idejn prokuratur tagħha jew persuna awtorizzata minnha biex tirċievi l-posta tagħha fl-indirizz postali tagħha[11];

Illi, mix-xhieda mogħtija f'din il-kawża[12], jirriżulta li l-posta li kienet tasal indirizzata lill-*Club* eżekutat tul iż-żmien li r-rikorrent ilu jmexxi l-bottegin tal-post, kienet titħalla f'iden ir-rikorrent u martu u dawn jgħadduha lir-rappreżentanti tal-assoċjazzjoni meta jersqu 'l hemm. Jirriżulta wkoll mill-atti tal-kawża li minnha tnissel it-titolu eżekuttiv, li l-indirizz reġistrat fejn tressqu l-atti kollha tal-imsemmija kawża kien l-indirizz fejn l-intimat Marixxal Azzopardi ħalla ż-żewġ riferti tal-Mandat. Il-fatt li Myra Baldacchino laqgħet tali notifika "bi protesta" ma jnaqqas xejn mis-siwi ta' dik in-notifika. L-istess jingħad għat-tieni notifika li saret u li l-kopja tagħha tħalliet f'idejn ir-rikorrent;

Illi l-Qorti, wara li qieset dawn iċ-ċirkostanzi, ssib li n-notifika tal-Mandat saret sewwa u l-ewwel talba tar-rikorrenti mhix sejra tintlaqa';

Illi dwar l-**eċċezzjoni** tal-intimat Marixxal Azzopardi li mhux il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi, il-Qorti hija tal-fehma li din għandha, fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, tintlaqa'. Dan jingħad għaliex il-kawża tal-lum m'hijiex waħda li maħsuba taħt l-artikolu 282 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u r-regolamenti fis-seħħ – bl-Avviż Legali 139 tal-2004 – jindikaw sewwa min għandu jidher bħala leġittimu kontradittur f'każ fejn il-mertu ta' kawża jkun jirreferi għas-siwi ta' att ġudizzjarju jew tan-notifika tiegħu;

Illi dwar l-eċċezzjonijiet preliminari mressqin mill-intimat Gollcher, il-Qorti ssib li, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li għadha kemm għamlet aktar qabel, ma hemmx il-ħtieġa li hija tistħarriġhom għaliex, jew ma japplikawx għall-każ jew

[11] Art. 187(4)(b) u 187(1) tal-Kap 12
[12] Xhieda ta' Myra Baldacchino 2.4.2007

għaliex iqanqlu biss kwestjonijiet ta’ bixra akkademika li ma jinfluwenzawx il-mertu tal-azzjoni attriċi;

Għal dawn ir-raġunjiet, il-Qorti qegħda taqta’ u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa’ l-ewwel eċċezzjoni** tal-intimat Marixxall Azzopardi u teħilsu milli joqgħod fil-kawża, bi spejjeż għar-rikorrenti;

**Tiċħad l-ewwel talba** tar-rikorrent Edward Baldacchino bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt u billi tiddikjara li n-notifika tal-Mandat ta’ Żgumbrament kienet magħmula kif trid il-liġi u għalhekk tiswa;

**Tilqa’ t-tieni talba** limitatament u fis-sens li tiddikjara biss li l-imsemmi Mandat ma huwiex eżegwibbli kontra r-rikorrent, iżda tiċħadha mill-bqija safejn talbet li l-intimat Marixxall Azzopardi jinżamm milli jinnotifika l-istess Mandat, u dan fid-dawl tal-fatt li l-Qorti sabet li n-notifika saret kif imiss.

Fiċ-ċirkostanzi, **l-ispejjeż tal-kawża** jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet, ħlief għal dawk tal-intimat Marixxall Azzopardi, li għandu jħallashom ir-rikorrent.

**Moqrija**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------